**8 ta' Ottubru, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Miriam Vincenti

*versus*

Hilaire T. Vincenti

**Alimenti — "Res judicata" — Art. 3(2), Kodiċi Ċivili.**

*Ir-raġel huwa obbligat jagħti alimenti lil martu avolja ma jkunx hemm separazzjoni bejniethom.*

*Minn dan l-obbligu r-raġel ma jistax jeħles sakemm ma jottjenix il-liberazzjoni tiegħu b'kawża ta separazzjoni fil-każ li din tkun imputabbli lil martu jew meta jinterpellaha biex tmur tiddimora miegħu u hija ngustament tirrifjuta.*

*Sakemm jibqa' jeżisti dan l-obbligu r-raġel għandu jmantni lil martu skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu u indipendentement mill-mezzi u mil-limitu strett tal-bżonn tagħha.*

*Il-liġi tippermetti reviżjoni tal-quantum ta' l-alimenti fil-każ illi jkun hemm tibdil fiċ-ċirkostanzi, għaliex is-sentenzi ta' alimenti ma jakkwistawx l-effikaċja tar-"res judicata" in ordni għall-miżura u għall-mod tas-somministrazzjoni.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi — peress li b'sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ġunju, 1953 il-konvenut ġie kkundannat iħallas lill-attriċi retta alimentarja ta' lira sterlina kuljum, u peress li mid-data ta' dik is-sentenza sallum il-mezzi tal-konvenut żdiedu sewwa u għalhekk ir-retta alimentarja fuq imsemmija tiġi awmentata proporzjonatament, u peress li għaddew aktar minn tlett snin minn mindu ġiet profferita dik is-sentenza, — talbet li r-retta alimentarja li l-konvenut ġie kundannat iħallas lill-attriċi bis-sentenza fuq imsemmija, tiġi awmentata proporzjonatament għaż-żieda fil-mezzi finanzjarji tal-konvenut; u jekk hemm bżonn l-attriċi tiġi awtorizzata tesegwixxi s-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti fil-15 ta' Ġunju, 1963 fuq imsemmija billi għaddew aktar minn tlett snin minn mindu ġiet profferita. Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-15 ta' Ġunju, 1960.

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jeċċepixxi li l-attriċi ma tipprovax l-asserta tagħha dwar il-mezzi tiegħu u fil-fatt ir-retta alimentarja li qed jagħtiha hija iżjed minn dik li jista' jagħtiha.

Omissis.

Ikkunsidrat:

Illi skond il-liġi r-raġel hu obbligat jagħti lil martu l-alimenti avvolja ma jkunx hemm separazzjoni bejniethom. Il-Qorti ma tistax tenfasizza biżżejjed *illi l-obbligu tal-alimenti* bejn il-konjugi, li jaqa' prinċipalment fuq ir-raġel, mhuwiex ġej mill-konvivenza bejniethom *imma* bil-*vinkolu matrimonjali*. Minn dan l-obbligu r-raġel ma jistax jeħles sakemm ma *jottienix il-liberazzjoni tiegħu* b'kawża *ta' separazzjoni fil-każ li din* tkun imputabili lil martu jew meta jinterpellaha biex tmur tiddimora miegħu u hi nġustament *tirrifjuta*, li l-ebda wieħed ma hu l-każ hawnhekk. Sakemm jibqa' jeżisti dan l-obbligu tiegħu, hu għandu jmantni lil martu skond il-mezzi u l-kondizzjoni *tiegħu*, u indipendentement mill-mezzi u mil-limitu strett tal-bżonn tagħha (art. 3(2) Kod. Ċiv. u Kollez. Vol. XXXV, p. 186). Dan l-obbligu alimentari tar-raġel, anki fil-każ ta' separazzjoni di fatto, sakemm jibqa' jeżisti, jikkonkretizza ruħu fl-obbligu *li jissomministralha* dak kollu li huwa neċessarju għall-bżonnijiet tal-ħajja in proporzjon għas-sostanzi tiegħu; Għalkemm f'dan *il-każ* l-*alimenti* ġew stabiliti bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ġunju, 1963 fl-ammont ta' lira (£1) kuljum, il-liġi tippermetti *reviżjoni* tal-*pożizzjoni* fil-każ li in segwitu jkun hemm xi tibdil taċ-ċirkostanzi, għax is-sentenzi ta' alimenti ma jakkwistax l-effikaċ*ja tar-res judicata* in ordni għall-miżura u għall-mod tas-somministrazzjoni, fis-sens li s-sentenza għandha *tiġi intiża subordinata għall*-permanenza tal-presupposti ta' fatt li kienu jifformaw il-bażi tal-*pronunzjament*. Jista' *nfatti jiġri li* wara l-assenjazzjoni oriġinali jitbiddlu l-kondizzjonijiet ekonomiċi ta' min għandu jissomministra jew ta' min għandu jirċievi.

Omissis.

Illi l-Qorti, meqjusin iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, mill-assieme u fuq il-*preponderanza tal-provi, tikkonkludi li għall*-finijiet tal-misura tal-alimenti li għandhom jiġu somministrati lill-attriċi *l-mezzi* tal-*konvenut* għandhom fil-preżent jiġu kkal-

kolati bħala almenu d-doppju ta' dak li kienu meta ġiet mogħtija s-sentenza tal-15 ta' Ġunju, 1953, u li fid-dawl tar-raġuni u tal-"fairness" u tal-fatt biżżejjed notorju tal-għoli tal-ħajja mill-1953 'l hawn, il-mezzi preżenti tiegħu jiġġustifikaw ir-retta alimentarja konservativament stabilita hawn taħt b'modifika oħra li l-Qorti jidhrilha razzjonali, cioè mhux biss tal-ammont imma wkoll tal-mod tas-somministrazzjoni, fis-sens li l-alimenti, fil-kondizzjoni soċjali tal-partijiet, m'għandhomx jibqgħu jitħallsu bil-ġimgħa imma fix-xahar.

Illi l-attriċi talbet ukoll li okkorrendo, tiġi awtorizzata tesegwixxi s-sentenza tal-1953 peress li fuqha għaddew iżjed minn tlett snin. Il-Qorti ma jidhrilhiex li trattandosi ta' alimenti li mhumiex arretrati hemm bżonn ta' dan il-pronunzjament. Infatti l-konvenut dejjem ħallas regolarment għall-imgħoddi u ma jidhirx li l-attriċi qatt ġiet bżonn tesegwixxi s-sentenza ġudizjarjament. It-talba għar-riviżjoni tal-alimenti stabiliti b'sentenza mhijiex talba għall-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza, u din is-sentenza tista' tikkostitwixxi favur l-attriċi titolu esekutiv ġdid li huwa wkoll rivedibili "si et quatenus", għal dik li hija l-miżura u l-mod tas-somministrazzjoni. Għalhekk ma hemmx bżonn li l-Qorti tawtorizza l-esekuzzjoni tas-sentenza preċedenti. Peress li d-domanda relativa ġiet intalvolta biss "jekk hemm bżonn" il-Qorti m'hijiex qegħda tirrespinġiha imma sempliċement tastieni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi (a) tilqa' l-ewwel domanda tal-attriċi u tordna li r-retta alimentarja li l-konvenut għandu millum stess 'il quddiem jissomministra lill-attriċi m'għandhiex tkun iżjed dik ta' lira (£1) kuljum pagabili bil-ġimgħa bil-quddiem kull nhar ta' Tnejn fid-domiċilju tal-attriċi, li għaliha ġie kundannat bis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-istess ismijiet fil-ħmistax (15) ta' Ġunju, 1953 imma għandha minflok tkun dik ta' ħamsa u erbgħin lira (£45.0.0) fix-xahar pagabili bix-xahar

bil-quddiem kull l-ewwel tax-xahar *fir-residenza tal-attriċi*, salv li għall-perijodu *li* baqa' mix-xahar korrenti i.e. Ottubru tal-1964, il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma proporzjonata ta' ħamsa u tletin lira (£35.0.0), *fl-istess post, fi* żmien erbat ijiem *mil-lum*; u (b) tastieni ruħha milli tieħu konjizzjoni tat-tieni domanda. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.